KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGHAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGHA NUMRU 52

It-tnejn u ħamsin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 24 ta' Frar 2015 fis-6.20pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| **PREŻENTI** | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji 2015*
6. *Budget 2016*
7. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
8. *Aġġornament*

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

*Is-Sindku propona li fis-seduta tal-llum jiġu approvati l-minuti u wara l-Kunsill jgħaddi għal items 5 u 6 dwar approvazzjoni ta estimi finanzjarji 2015 u budget 2016. Kien hemm qbil dwar dan.*

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 50_19/01/2016.

1.2 Is-Sindku irrefera għall-punt 2.7 u talab li tizdied il' frazi 'li saret laqgħa apposta lokalita, lokalita'.

1.3 Is-Sindku irrefera għall-punt 2.18 u talab li tizdied il-frazi 'u ma jipparteċipax għall-ftuħ.'

*Daħlu għas-seduta l-Viċi Sindku u l-Kunsillier M. Briguglio fis-6.30pm*

1.4 Is-Sindku irrefera għall-punt 3.2 u talab li tizided il-frazi 'u dan sakemm issir kjarifika dwar din il-klawsola tal-kuntratt'

1.5 Is-SE informa li fl-aħħar seduta kien qal li informa biċ-ċifra zbaljata taz-zieda fl-allokazzjoni finanzjarjara u din trid tinqara Ewro 31,000.

1.6 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 7.4 u qal li l-frazi trid tinqara 'għall-livell ta' Ministru'.

1.7 Il-Viċi Sindku irrefera għall-punt 7.5 u parti mil-frazi trid tinqara 'u ma jitressqux'.

1.8 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 7.6 u qal li trid tinqara 'madwar tlett xhur' flok zmien stipulat.

1.9 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier D. Muscat issekonda. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti*

5. **APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI FINANZJARJI 2015**

5.1 L-agenda giet sospiza. L-*accountant* tal-Kunsill għamel il-prezentazzjoni tiegħu dwar il-*financial statements*.

5.2 Fost affarijiet oħra ġew diskussi dawn il-punti :-

a. Dwar is-sistema tal-*pooling* kif kienet is-sistema tal-LES qabel, il-Viċi Sindku saqsa jekk il-Kunsill għandux jieħu l-inkarigu li jiġbor il-flus dovuti lil lokalita għaliex hemm somma sostanzjali. Il-Kunsill irid jiddiskuti f'seduta oħra u jara jekk dan l-ezerċizzju jsirx u jekk għandux jinvolvi avukat. Il-Kunsillier P. Radmilli informa li se jkun hemm laqgħa tar-Reġjun. Il-Kunsill qabel li jistennew ħalli jaraw x'se jizvolġi mil-laqgħa.
b. Kien hemm diskussjoni ukoll dwar id-dħul mil-*bye law* ta l-*istreet furniture*. Kien hemm qbil li min ma jħallasx jinqalgħu l-*barriers*.
c. Dwar id-dħul mir-riklami tal-pubblikazzjoni tal-Kunsill, kien hemm qbil li l-Kunsill jibda jitlob il-ħlas minn qabel għaliex ikun hemm xi drabi li individwi ma jħallsux għar-riklam li jkun sar.
d. Dwar *il-patching* u xogħol fit-toroq li sar, il-Kunsill ġie mfakkar li ċċertifikazzjoniet mil-perit Vassallo għadhom ma wasslux u l-anqas il-kont tal-perit stess. Is-SE informa li l-Kunsill kiteb bl-avukat lill-perit u l-Kunsill irid jara x'inhu l-pass li jmiss.

*Daħlet il-Kunsilliera V. Galea Pace fis-7.16pm*

e. Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li l-Kunsill ikellem lill-Lands dwar il-gabbani biex jgħinu fil-*maintenance* tal-*promenade*.
f. Ġie nnotat ukoll li l-*financial allocation* mhux isservi f'dak li ghandu x'jaqsam *tipping fees*. Is-SE spjega li l-kumplament eventwalment joħroġhom id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali xorta.
g. Dwar il-gbir ta' iskart is-SE informa li l-Kunsill ser ikun qiegħed jzid l-ispejjez minħabba gabra gdida min Fort Cambridge. Is-SE qal li diga informa lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'din iz-zieda fis-servizz u talab għal zieda fl-allokazzjoni. Il-Kunsillier M. Briguglio issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jinforma lill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.
h. Il-Kunsillier J. Pillow issuġerrixxa li meta persuna tuza s-servizz ta' WI-FI malli tagħmel *sign in* titla *cover page* relatata mal-Kunsill Lokali ezempju bil-ħinijiet tal-iskart. Is-SE għandu jiċċekkja x'jinvolvi l-kuntratt mal-MCA u tistax issir.

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fis-7.45pm*

i. Ġie diskuss ukoll l-ispiza tal-manutenzjoni ta' Gnien Bonello Dupuis u dwar il-konsum tal-ilma u dwar sistema tal-*irrigation.*

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata li titlaq mis-seduta fit-8pm*

j. L-*accountant* tal-Kunsill ġibed l-attenzjoni li matul is-sena kien hemm ħames kotba ta' Winston Zammit li ngħataw bħala donazzjoni. Talab l-approvazzjoni tal-Kunsill għal dan. Kien hemm qbil dwar dan.

5.3 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji 2015 kif ukoll Budget 2016. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera presenti. *Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji 2015 u Budget 2016*

**3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET**

3.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-lista ta' pagamenti.

3.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrerfera għall-pagment numru 33 dwar xiri ta' *digital radio* għall-uffiċċju tal-Kunsill. Huwa qal li fl-opinjoni tiegħu dan ma kellux ikun daqshekk għoli għall-uzu tal-uffiċċju. Is-SE qabel miegħu u qal li kien diġa informa lil min kien ordnah. Is-SE informa li fil-Kunsill hemm bzonn ukoll ta' *monitor* biex tkun tista ssir sorveljanza tas-CCTV fil-lokal. Kunsill qabel ukoll li issir tiswija fis-CCTV ta' Gnien Bonello Du Puis.

3.3 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-pagament għal servizz ta' pulizija. Il-Kunsill ġie imfakkar li dan kien għal *Charity Swim* u għall-attivita 'Tas-Sliema Wirt u Niesha'.

3.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar il-kontijiet tal-materjal li jinxtara għall-manutenzjoni fil-lokal u tal-promenade. Qal li jixtieq ikun involut u fakkar li suppost kull *item* irid jinxtara permezz ta' *purchase request.* Kien hemm qbil ukoll li min imur jixtri l-*item* minn *ironmonger* jiffirma ħdejn id-deskrizzjoni fuq il-kont.

3.5 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament bl-ammont ta' Ewro 864 li sar għall-manutenzjoni tal-monument tal-gwerra li jinsab ix-Xatt. Huwa qal li l-pubbliku għandu jkun jaf b'dawn it-tip ta'

spejjez li l-Kunsill ikollu u ta' tiswijiet simili li jkun hemm.

3.6 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-pagamenti lil Datatrak. Is-SE pprezenta l-*invoices* u spjega li dawn huma relatati maċ-ċitazzjonjiet minn mindu bdiet is-sistema tal-LESA mill-1 ta' Ottubru 2015.

3.7 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament bin-numru 53 dwar manutenzjoni ta' tabella fejn *Zebra Crossing* fejn il-Fortina u qal li din kienet xi ħaġa li kella ssir minn Transport Malta. Kien hemm qbil li kopja ta' din l-*invoice* tintbgħat lil TM flimkien ma *covering letter* kif ukoll navzaw lill-pubbliku permezz ta' *facebook*.

3.8 Is-Sindku approva l-pagamenti. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti.*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Is-Sindku informa li CSD lesti li jwaħħlu t-tlett slielem. Kien hemm qbil li l-postijiet ikunu Fond Għadir, Exiles u taħt il-MIDI (fejn *dog beach*). *Slielem tal-baħar*

2.2 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar fiċ-ċwievet għall-Berga. Is-SE għandu jfakkar lid-Dipartiment tas-Sahha. *Berga*

2.3 Dwar il-monument Sri Chimnoy, is-Sindku informa li l-Kunsill talab parir tal-avukat. Is-Sindku informa wkoll li ġie avviċinat mill-Konslu tal-India biex filkaz jiġi mibdul permezz ta' monument ta' Gandhi. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jaħseb li hekk jista jinħoloq konflitt speċjalment jekk jinbidel fl-istess zmien. *Monument Sri Chimnoy*

2.4 Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li minħabba li kien hemm diversi reazzjonijiet dwar it-tqegħid tal-monument ta' Sri Chimnoy, il-Kunsill għandu jitlob lid-Direttur tal-Gvern Lokali biex tiġi riveduta d-deċizjoni li ttieħdet waqt seduta tal-Kunsill qabel is-sitt xhur kif stipulat fir-regolamenti tal-Kunsilli Lokali. Sadanitant, dwar il-monument ta' Gandhi, ghandna ninfurmaw lil Konslu li għalissa m'għandux jitpoġġa. Kien hemm qbil ukoll li għandhom jitneħħew l-*pipes* tal-plakek komemmorattivi minħabba li qegħdin ta' periklu.

2.5 Is-Sindku fakkar fil-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Onorevoli E. Bartolo dwar x'ideat jista jkollu l-Kunsill meta tiġi *fazed out* l-iskola sekondarja tal-gvern bħal ezempju Centru Civiku jew proġett ieħor *Proposti*

simili. Kien hemm qbil li għandhom jintbgħatu l-proposti lill-Ministru bil-miktub.

2.6 Il-Kunsillier J. Pillow informa li dwar il-proġett relatat mal-ambjent li l-kumpaniji E-Cabs u New York Best se jagħtu *sponsorship*, qegħdin isiru d-dizinji. Is-SE informa li dan il-proġett jinvolvi DNO's mill-MEPA kif ukoll firma minn perit għal dokumenti li jridu jiġu prezentati lit-TM. *Sponsorship mill-E Cabs*

2.7 Dwar il-manutenzjoni tal-ġnien ta' Qui Si Sana , kien hemm qbil li jekk il-kumpanija tal-ELC jitolbu ħlas zejjed, il-Kunsill għandu joħroġ sejħa għal kwotazzjoni. Is-SE għandu jiddiskuti aktar dwar dan mal-Kunsillier P. Radmilli. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li fit-tender li jmiss għal manutezjoni ta' *soft areas* għandhom jiġu nkluzi z-zoni kollha anke l-ġodda. Kien hemm qbil dwar dan. Is-SE għandu jiltaqa mal-Kunsilliera M. Briguglio, P. Radmilli u J. Pillow fil-bidu ta' Marzu biex jiġi diskuss aktar fid-dettal. *Manutezjoni ta' soft areas*

2.8 Is-SE informa li hemm kuntrattur li qiegħed joffri madwar ħmistax-il *bin* f'Tas-Sliema u jkun hemm riklami min kumpaniji u l-Kunsill ikun responsabbli għat-tbattil tagħhom. Il-Kunsillier J. Pillow qal li kieku hu jitlob lill-kumpanija li jħallas tar-reklami skond il-*bye-law*. Is-SE qal li għandu jimxi mar-rati tal-*bye law* bħal kull min jagħmel riklam ieħor. Kien hemm qbil dwar dan. *Aktar bins*

2.9 Is-SE ressaq proposta mis-Sur Alan Camilleri dwar proposta tar-roti. Kien hemm diskussjoni dwar il-*helmet* għandiex tiġi miġbura mil-Kunsill jew le, il-Kunsillier M. Briguglio qal li kulħadd huwa responsabbli mis-*safety* tiegħu stess u ma jarax in-neċċessita li jkun involut il-Kunsill. Is-SE għandu jitkellem mal-Kunsillier P. Radmilli dwar l-email u wara jibgħat ir-risposta. Kien hemm qbil dwar dan. *Proposta tar-roti*

2.10 Is-Sindku informa dwar il-proposta minn studenti ta' St Martin's College biex javviċinaw dawk li għandhom uzu ta' garaxx f'Tas-Sliema biex jaraw iridux jidħlu fi skema li jallokaw ħin lil ħaddieħor ikun jista jipparkja għal ħin kif ikun stipulat. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li dawn l-istudenti jibdew dan il-proġett. Il-Kunsill mhux se jkun involut fil-proġett imsemmi. *Proġett minn studenti*

2.11 Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris saqsiet dwar il-kaz ta' Triq Alfonsu. Is-SE informa li għandu rapport mill-perit tal-Kunsill, liema rapport diga intbghat lill-Kunsilliera kollha. Il-perit qal li din kienet ħsara fuq *Triq Alfons*

xi ħaġa privata. Il-Kunsill qabel li jzomm mal-istess deċizjoni u jimxi skont ir-rapport tal-perit, voldieri, ma jassumix responsabbilta tal-hsara.

2.12 Is-SE saqsa l-approvazzjoni tal-Kunsill għal *subsistance allowance* bl-ammont ta' Ewro 530 għall-laqgha tal-UDITE f'Malaga bejn is-17 u 21 ta' Marzu 2016 li hu intitolat bhala ufficjal publiku. Kien hemm qbil dwar dan.

2.13 Il-Kunsillier D. Muscat ressaq proposta sabiex isir *first aid course* għal madwar ħmistax-il parteċipant mill-lokalita. Kien hemm qbil dwar dan. L-ammont tal-kors ser ikun ta' madwar Ewro 480. *First Aid Course*

2.14 Il-Kunsiller D. Muscat ressaq proposta minn *Make Malta Friendly* sabiex ikun hemm area fejn jistgħu jiġru l-klieb. Il-Kunsillier M. Briguglio issuġerixxa li tkun taħt il-Fortina. Kien hemm qbil dwar dan. *Dog area*

2.15 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka li hemm *pole* bla *dog bin* fi Triq il-Kulleġġ l-Antik. Qal ukoll li dan ilu hekk madwar xahrejn u stenna li xi ħadd jinduna meta jmorru biex ibattlu 'l bins f'dik l-akwata u javzana. *Dog bin*

2.16 Dwar il-*bicycle lane* fuq il-promenade il-Kunsillier M. Briguglio propona li għandu jkun hemm *bye law*. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jingħaqad ma San Giljan, Ta' Xbiex u Gzira sabiex ikun hemm rotta waħda. Il-Kunsillier P. Radmilli għandu jiċċekkja fil-laqgħa tar-Reġun li jmiss tistax issir din il-*bye law* permezz tar-Reġjun. Kien hemm qbil dwar dan. *Bicycle lane*

**7. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA**

7.1 Ma kienx hemm aktar suġġerimenti

**8. AGGORNAMENT**

8.1 Is-seduta intemmet fl-22.14pm. Seduta oħra ġiet aġġornata nhar l-Erbgħa 23 ta' Marzu 2016 fis-6pm

Minuti approvati llum 23/03/2016

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**